TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 14/06

* Il- laqgħa Nru 14/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 28 t' April 2010 fis-6.00pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sinj. C. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur K. Darmanin kien skużat.

Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 13/06 tat-23/03/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** Is-Sindku ta merħba lis-Sij. Claudienne Lanzon bħala Kunsilliera ġdida li ħadet il-ġurament tal-ħatra fl-14 t'April 2010 u awguralha ħidma fi ħdan il-Kunsill Lokali għall-ġid tal-komunita'. Kunsilliera ġdida

2.2.1 Il-Kunsillieri u s-Segr. Eżekuttiv ingħaqdu mal-awguri tas-Sindku.

**2.2** Dwar ix-xogħol ta' *Major Patching*, is-Sindku qal li l-Kuntrattur għad ma ġiex biex jagħmel ix-xogħol ta' *traffic calmers* kif mitlub. Traffic Calmers

**2.3** Dwar il-ftuħ ta' l-Uffiċini nhar ta' Sibt, is-Sindku qal li saret P.Q. dwar fuq liema direttiva għandu jimxi l-Kunsill: fuq il-Memo tad-Dipt. Gvern Lokali jew fuq l-Avviż Legali. Ftuħ nhar ta' Sibt

**2.4** Il-latrina pubblika issa bdiet topera skont kif mitlub u s-Sindku qal li jiċċekkja regolarment jekk hiex qed tinżamm tajjeb. Qal li mhux ċert sa x'ħin qed tibqa' miftuħa. Is-Sinj. D. Vella qed tieħu l-inkarigu li tiċċekkja l-ħinijiet. Latrina pubblika

2.4.1 Is-Sindku qal li ġie nfurmat minn Dr. Chris Said li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi mill-iskema ta' aċċessibilta' tinsab fil-proċess.

**2.5** Dwar it-tisbiħ tal-pjazzetta fi Triq Santa Tereża u l-ġnien fi Triq Santa Marija, is-Sindku qal li l-applikazzjoni għall-fondi saret u ġiet irreġistrata bħala valida għand il-PPCD nhar id-19 t'April 2010. Fondi mill-PPCD

2.5.1 F'dan il-waqt is-Sindku rringrazzja lis-Segr. Eżekuttiv għall-inpenn u l-inizjattiva tiegħu biex l-applikazzjoni, (kopja tad-dokument voluminuż ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill) ġiet iddepożitata fil-ħin.

Il-fondi li applikajna għalihom jaqgħu taħt l-iskema "Cohension Policy 2007 – 13 Investing Competitiveness for a Better Quality of Life".

2.5.2 Is-Sindku rringrazzja wkoll lis-Sinj. Sharon Farrugia u Marija Schembri fil-MEUSAC għall-għajnuna indispensabbli tagħhom fit-tfassil tal-applikazzjoni.

2.5.3 Kompla jgħid li din l-applikazzjoni swietna somma sostanzjali sabiex saru *surveys*, pjanti u stimi mill-Perit. Nittamaw li wara dan ix-xogħol kollu u spejjeż l-applikazzjoni tagħna tiġi aċċettata b'riżultat pożittiv.

**2.6** Dwar l-offerti għall-kuntratt taż-Żamma u Manutenzjoni tal-Ġonna, is-Sindku qal li ser nitolbu iżjed dettalji lil dawk li tefgħu l-offerta tagħhom biex wara l-Kunsill ikun jista' jagħmel l-aġġudikar waqt laqgħa straordinarja li ser issir nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju fl-4.30pm. Ġonna

**2.7** Is-Sindku qal li ltaqa', flimkien mal-Kunsillier I. Dalli, mar-rappreżentant tal-GreenPak fejn ġie diskuss il-mod li ser jiġu mqassma pakketti ta', boroż għall-iskart magħżul lir-residenti matul Ġunju. Greenpak

2.7.1 Qal ukoll li ser jiltaqgħu mad-Diretturi tal-Kastell Wine Bar biex GreenPak ukoll jagħtu servizz tal-kontenituri tal-iskart magħżul.

2.7.2 Dwar din l-inizjattiva, is-Sindku qal li ser ninvolvu wkoll it-tfal ta' l-iskola.

2.7.3 Is-Sindku qal li s-servizzi mogħti minn Greenpak hu wieħed tajjeb.

**2.8** Dwar xogħol ta' Tisbiħ ta' Sqaqien, is-Sindku qal li qed nistennew il-permess tal-MEPA li għandu joħroġ fit-8 ta' Mejju. Tisbih ta' Sqaqien

2.8.1 F'dan il-waqt is-Sindku qal li ser jiddiskuti mal-AKL biex titlob lill-MEPA li applikazzjonijiet tal-Kunsilli jiġu trattati bħala prijorita'.

**2.9** Dwar il-flus miżmuma bħala garanzija rigward il-Mandat ta' Sekwestru mill-Av. I. Sammut, is-Sindku qal li dawn ser jiġu rimborzati bl-ammont kollu. Każ ta' mandat

**2.10** Is-Sindku qal li flimkien miegħu attenda s-Segr. Eżekuttiv għall-istedina tal-MEPA biex niffirmaw il-ftehim għall-kumplament tal-Fondi UIF wara l-emendi li kienu saru fil-pjanti ta' Ġnien Ovindoli. Fondi UIF

2.10.1 Is-Sindku rrimarka li qed isir vandaliżu kbir f'dan il-ġnien bi tkissir u logħob bil-ballun minn klikka żgħażagħ.

2.10.2 Għall-mistoqsija tas-Sur L. Bonavia, is-Sindku wieġeb li issa l-ispejjeż dovuti għal servizz ta' elettriku f'dan il-ġnien waqt ix-xogħol ġew issetiljati.

**2.11** Dwar l-interess tagħna fil-proġetti PPP dwar *resurfacing* ta' diversi toroq fir-raħal, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser niġu kkunsidrati mat-tieni skema. Proġetti PPP

2.11.1 Hu talab lill-membri biex ħadd ma jikkommetti l-Kunsill mal-pubbliku li ser isiru xi toroq speċifiċi.

**2.12** Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar iż-żjara miegħu flimkien ma' delegazzjoni ta' sitta f'Veliko Turnovo. Żjara f'Veliko Turnovo

2.12.1 Qal li din iż-żjara kienet waħda tajba u l-parteċipazzjoni ta' Ħal Tarxien fil-fiera ġibdet numru sabiħ ta' viżitaturi.

2.12.2 Żied jgħid li isaħħaħ il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn Ħal Tarxien, Veliko Turnovo u Arezzo u ġie iffirmat il-kuntratt ta' żvilupp ta' Turiżmu Sostenibbli u Kultura.

2.12.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' mal-problema li nqalgħet minħabba l-iżbroff tal-Vulkan b'konsegwenza li nqabad fil-Bulgarija. Kompla jispjega li kellu jaqta' biljett li ħallas għalih. Madanakollu biex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż, talab refużjoni tal-biljett għall-Patt tas-Sindki fi Brussell.

2.12.4 Is-Sindku qal li għall-festa tar-raħal għandha tiġi delegazzjoni mill-Bulgarija. Il-Kunsill qabel nem.con. li għandna nittrattawhom bir-rispett li jixirqilhom.

**2.13** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinj. A. Galea ser tibda l-iskeda tagħha bir-*reduced hours* minn nhar it-Tnejn 3 ta' Mejju. Reduced Hours

**2.14** Is-Sindku qal li l-offerti għall-ġbir ta' skart goff u għall-Perit ser jagħlqu nhar l-Ġimgħa 21 ta' Mejju f'nofsinhar. Offerti

2.14.1 Il-Viċi Sindku s-Sur F. Agius u s-Sinj. D. Vella flimkien mas-Sindku u s-Segr. Eżekuttiv ser ikun fuq il-Bord Ad Hoc.

**2.15** Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv attenda f'ismu għall-istedina tad-Dipt. Gvern Lokali għall-għotja ta' €250 vouchers mingħand Merlin Library f'kotba, kif ukoll €236 biex jintefqu f'kotba għal-librerija lokali mingħand ħwienet tal-għażla tal-Kunsill. Dan l-ammont jingħata lill-Kunsill Lokali wara li jiġu ppreżentati l-irċevuti kollha neċessarji bi prova ċara ta' dan ix-xiri. Vouchers f'kotba

**2.16** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew 3 ħaddiema mibgħuta mill-ETC biex jagħmlu xogħol fil-komunita'. Ma' dawn diġa' ltqajna u ġew assenjati xogħol biex inaddfu u jirranġaw Ġnien Penza. Ħaddiema mill-ETC

**2.17** Dwar il-każ bejn l-AKL u l-WSC is-Sindku qal li issa ntlaħaq ftehim li l-ammonti dovuti ser jitħallsu fuq perjodu ta' 3 snin. Din is-sena ser jitħallsu dawk tas-sena 2007. Hlas mill-WSC

**2.18** Għall-kors E-Councils mit-TCTC ser tattendi l-Kunsilliera s-Sinj. Claudienne Lanzon. E-Councils

**2.19** Is-Sindku ppreżenta lista ta' azjendi li joperaw fir-raħal li ġiet miġbura minn Uffiċċjal mibgħut apposta mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Il-lista tammonta għal madwar 100 post li nstabu miftuħa waqt l-istħarriġ. Lista ta' Azjendi

L-informazzjoni ta' din il-lista ser tiġi mdaħħla fid-*data base* tal-Kunsill.

**2.20** Is-Sindku qal li wara li nfurmajna lid-Dipt. Gvern Lokali li għandna nwaħħlu l-Wi-Fi Access Point fil-*Playing Field* ta' Triq Santa Marija, reġgħu talbuna nirrevedu d-deċiżjoni u nagħżlu pjazza. Wi Fi

2.20.1 Il-Kunsill ikkonferma li l-ewwel għażla tiegħu għandha tibqa' għaliex dak hu l-aħjar u l-iżjed post li hu ffrekwentat mill-pubbliku, iżjed mill-pjazza tal-Knisja.

**2.21** Is-Sindku qal li għall-M.P. il-Prim Ministru wieġeb fost oħrajn li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien hu wieħed minn dawk li ma poġġiex il-Minuti tal-Kunsill fuq il-websajt Uffiċjali u ser jiġi penalizzat.

2.21.1 Kompla jgħid li dan mhux minnu xejn għaliex il-Minuti dejjem kienu online mill-ewwel hekk kif jiġu approvati.

2.21.2 Wara li ktibna lid-Dipt. Gvern Lokali u lis-Segr. Parlamentari Dr. Chris Said ġie kkonfermat minn Uffiċjali tad-Dipt. Gvern Lokali li l-Minuti jinsabu hemm.

2.21.3 Is-Sindku żied jgħid li minn informazzjoni li għandna dan kien żball ta' impjegata.

2.21.4 Madanakollu aħna nsistejna li għandha ssir kjarifika pubblika f'dan ir-rigward. Id-Dipt. Gvern Lokali infurmana li ser issir din il-kjarifika.

**3.22** Is-Sindku qal li rċevejna "claim" mingħand indiividwu għall-ħsara li ġarrab fil-karozza tiegħu minn ħofra li kienet fi Triq Dejma. Din tammonta għal €2200.

3.22.1 Kompla jgħid li l-Kunsill m'aċċettax din il-"claim" għal diversi raġunijiet fosthom li m'hemmx provi biżżejjed biex jissostanzjaw din l-allegat ħsara.

**3.23** Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel nem. con. fil-prinċipju li napplikaw għall-programmi ta' fondi mill-UE fl-iskema PPP sabiex isir Ċentru għall-anzjani, li jista' wkoll f'din il-binja jkun hemm Uffiċċju Reġjonali jew Uffiċċju tal-Kunsill. Dan iċ-Ċentru jista' jkun mezz ukoll li jinħolqu xi mpjiegi.

3.23.1 Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-Espressjoni ta' Nteress għal dan iċ-Ċentru.

## *3.0 Affarijiet Finanzjarji*

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€44,046.17 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. '1').

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill lis-

Segr. Eżek. € 88.00

## *4.0 Għażla ta' l-Offerta "Żamma u Tindif tal-Ġonna".*

**4.1** Is-Sindku qal li għaddejin minn ħafna problemi fejn jidħol il-kuntratt tal-ġonna.

4.1.1 Ġew ippreżentati '*default notices'* flimkien ma' 50 ritratti dwar id-diżastru li jinsabu fih il-ġonna u '*soft areas'*, li ġew mibgħuta lill-kuntrattur Clo.Gauci u l-kuntratt tiegħu ġie tterminat fl-aħħar t'April.

**4.2** Il-Kunsill iddiskuta wkoll kif għandna naġġudikaw l-offerti. Ġie deċiż li nibgħatu xi mistoqsijiet relatati mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt u wara ssir laqgħa apposta. Dawn il-mistoqsijiet għandhom ikun mwieġba bil-miktub u mwassla fl-Uffiċċju tal-Kunsill sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju.

**4.3** Il-Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill sabiex isir l-aġġudikar tal-offerti ser issir nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju fl-4.30pm.

## 5.0 Jum Ħal Tarxien 2010

**5.1** Jum Ħal Tarxien din is-sena ser isir nhar il-Ħadd 27 ta' Ġunju .

**5.2** Bħas-soltu ser issir quddiesa, wara korteo minn ħdejn il-Knisja Parrokkjali sa quddiem il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra fejn jitpoġġew fjuri mill-għaqdiet u familjari tal-mejtin.

**5.3** Matul il-ġimgħa ser isir Konkors Letterarju, qari ta' poeżiji kif ukoll wirja tal-artiġjanat.

5.4 **Ġieħ Ħal Tarxien**

Ser jinbeda l-proċess li jwassal biex jingħata "Ġieħ Ħal Tarxien". Din iċ-ċerimonja ser issir filgħodu għaliex mhix ser issir attivita' ta' varjeta' filgħaxija minħabba li dak iż-żmien ikun hawn il-World Cup.

**5.5 Unur il-Kunsill Lokali**

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel nem. con. li Unur il-Kunsill Lokali jingħata lill-kantanta Thea Garrett li għamlet unur lil Ħal Tarxien meta rebħet il-Malta Song Festival li ser iwassalha biex tikkompeti fil-European Song Contest.

## 6.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius**

**6.1** Il-Viċi Sindku s-Sur F. Agius qal li saret il-kompetizzjoni tal-figolli li għaliha pparteċipaw 6 persuni. L-aħjar għażla kienet dik ta' Charlie Scerri.

6.1.1 Is-Sur F. Agius qal li qed jipprepara għal xi attivitajiet għall Jum Ħal Tarxien. (ara parag. 5.3).

6.1.2 Qal ukoll li ser jattendi għal-laqgħa dwar fondi għall-edukazzjoni.

**Rapport mill-Kunsillier L. Bonavia**

**6.2** Is-Sur L. Bonavia qal li għandna nagħmlu *database* dwar l-azjendi tal-kummerċ fir-raħal (ara wkoll parag. 2.17).

6.2.1 Qal ukoll li għadu għaddej bil-laqgħat dwar l-edukazzjoni fuq is-saħħa dentali.

**Rapport mill-Kunsillier I. Dalli**

**6.3** Is-Sur I. Dalli qal li flimkien mas-Sindku għamlu laqgħa ma' rappreżentant tal-GreenPak.

6.3.1 Qal ukoll li kkordina mal-Kunsilliera D. Vella biex sar is-seminar li fih tkellem ukoll rappreżentant tal-Greenpak, bħala edukazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart.

**Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

**6.4** Is-Sinj. D. Vella tkellmet dwar is-Seminar imsemmi f'parag. 6.3.1. Qalet li kien hemm attendenza tajba. Tkellem ukoll is-Sur M. Farrugia dwar id-dritt tal-konsumatur.

6.4.1 Is-Sindku qal li għandu offerta mingħand Uffiċjali tal-BOV biex jitkellmu waqt seminar dwar materji bankarji.

6.4.2 Is-Sinj. D. Vella qalet li għat-13 ta' Mejju ser torganizza attivita'.

**Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

**6.6** Is-Sindku irraporta dwar il-ħidma tal-Kunsillier K. Darmanin fin-nuqqas tiegħu. Qal li s-Sur K. Darmanin aċċetta s-Sotto Kumitat tal-ex Kunsillier Dr. O. Caruana u ser ikompli bl-istess xogħol.

6.5.1 Qal li waqt l-ewwel laqgħa ġie diskuss ix-xogħol dwar in-*Neighbourhood Watch.*

6.5.2 Qal ukoll li saret il-laqgħa dwar l-okkult u s-sataniżmu; din kienet suċċess.

**Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

**6.6** Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġa għall-anzjani.

6.6.1 Qal ukoll li ser issir attivita' għall-anzjani fis-Sala tar-Rainbows FC nhar il-5 ta' Mejju u oħra fit-18 ta' Mejju.

## 7.0 Ħwejjeġ Oħra

**7.1** Is-Sindku talab li sal-15 ta' Mejju għandhom jintbgħatu l-messaġġi jew artikli għall-fuljett.

## 8.0 Għeluq tal-Laqgħa

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fid-8.40pm.

**8.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm.

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
26/5/10

**Kav. P. Farrugia** **KLJ CMLJ**
**Sindku**